DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1813

tal-14 ta' Ottubru 2021

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 fir-rigward tal-istandards armonizzati għat-tagħmir ibbażat fuq l-art li jappoġġa lill-inġenji tal-ajru, il-krejnijiet, l-għodod għat-tħaffir taħt l-art u makkinarju ieħor abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/27

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(6) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(3) u l-Artikolu 10 tagħha,

Billi:

(1) F'konformità mal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/42/KE, il-makkinarju manifatturat f'konformità ma' standard armonizzat, li r-referenzi għalih ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, irid ikun preżunt li jikkonforma mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza koperti b'tali standard armonizzat.

(2) Permezz tal-ittra M/396 tad-19 ta' Diċembru 2006, il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) u lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika (CENELEC) ("it-talba") għall-abbozzar, għar-reviżjoni u għat-tlestija tal-ħidma fuq l-istandards armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE biex jitqiesu l-bidliet introdotti b'dik id-Direttiva meta mqabbel mad-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(3) On the basis of the request, CEN drafted new harmonised standards EN 1459-5:2020 on safety requirements for attachment interfaces for variable reach trucks, as well as EN 16808:2020 on safety requirements for manual elevators in the petroleum, petrochemical and natural gas industries.

(4) Abbażi tat-talba, is-CEN u s-CENELEC irrevedew l-istandards armonizzati eżistenti, li r-referenzi tagħhom huma ppubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2018/C092/01 ([4]) sabiex jiġu adatti għall-progress teknoloġiku. Dan irriżulta fl-adozzjoni tal-istandards armonizzati l-ġodda li ġejjin: EN 12312-7:2020 b'rekwiżiti speċifiċi għat-tagħmir ibbażat fuq l-art li jappoġġa lill-inġenji tal-ajru; EN 13586:2020 dwar ir-rekwiżiti tal-aċċess għall-krejnijiet; EN 15011:2020 dwar krejnijiet pont u krejnijiet portiku; EN 15571:2020 dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza għall-magni tal-irfinar tas-superfiċe għall-ġebla naturali; EN 16564:2020 dwar ir-rekwiżiti għall-magni tal-isserrar/tat-tħin tat-tip pont li jinkludu kontroll numeriku; EN 1804-1:2020 dwar l-unitajiet ta' appoġġ u rekwiżiti ġenerali għal irfid tas-soqfa mħaddem b'sistema idrawlika; EN 1804-2:2020 dwar ir-riġlejn u l-puntelli mekkanizzati għal irfid tas-soqfa mħaddem b'sistema idrawlika; EN 1804-3:2020 dwar sistemi ta' kontroll idrawliċi u elettroidrawliċi għal irfid tas-soqfa mħaddem b'sistema idrawlika; EN 1837:2020 dwar it-tidwil integrali tal-magni; EN 1974:2020 dwar ir-rekwiżiti ta' sigurtà u iġjene għall-makkinarju għall-ipproċessar tal-ikel; EN 81-40:2020 dwar stairlifts u pjattaformi tal-irfigħ inklinati maħsuba għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa; EN 1175:2020 dwar ir-rekwiżiti elettriċi u elettroniċi għat-trakkijiet

([1]) ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12.
([2]) ĠU L 157, 9.6.2006, p. 24.
([3]) Id-Direttiva 98/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-makkinarju (ĠU L 207, 23.7.1998, p. 1).
([4]) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-makkinarju, u li temenda d-Direttiva 95/16/KE (Pubblikazzjoni ta' titli u referenzi ta' standards armonizzati skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni) (ĠU C 92, 9.3.2018, p. 1).

industrijali; EN 12312-3:2017+A1:2020 dwar vetturi b'ċineg trasportaturi; EN ISO 16092-2:2020 dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza għal preses mekkaniċi; EN ISO 16092-4:2020 dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza għal preses pnewmatiċi; EN 16307-1:2020 b'rekwiżiti supplementari għal trakkijiet industrijali li joperaw awtomatikament minnhom infushom iżda mhux trakkijiet bla sewwieq, trakkijiet li għandhom meded differenti sa fejn jistgħu jilħqu u trakkijiet tat-tagħbija; EN 16808:2020 dwar l-elevaturi manwali; EN ISO 19085-10:2019/A11:2020 dwar lupi li jintużaw fuq il-post li qed jinbena; EN ISO 20430:2020 dwar magni tal-injezzjoni fil-forma; EN IEC 62841-2-6:2020 dwar rekwiżiti partikolari għall-imrietel li jinżammu fl-idejn b'emenda f'EN IEC 62841-2-6:2020/A11:2020; kif ukoll EN ISO 11553-1:2020 dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza tal-laser b'emenda f'EN ISO 11553-1:2020/A11:2020.

(5) In addition, on the basis of the request, CEN and Cenelec revised EN 12999:2011+A2:2018, the reference of which is included in Annex I to Commission Implementing Decision (EU) 2019/436 ([5]), to EN 12999:2020 on loader cranes in order to adapt it to technological progress.

(6) Is-CEN u s-CENELEC emendaw ukoll EN 16851:2017 dwar sistemi ta' krejnijiet ħfief u EN 16486:2014 dwar il-kompatturi, li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati bil-Komunikazzjoni 2018/C092/01, rispettivament għal EN 16851:2017+A1:2020 dwar sistemi ta' krejnijiet ħfief u 16486:2014+A1:2020 dwar il-kompatturi.

(7) Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN u s-CENELEC, ivvalutat jekk l-istandards abbozzati, riveduti u emendati mis-CEN u mis-CENELEC jikkonformawx mat-talba.

(8) L-istandards armonizzati abbozzati, riveduti u emendati mis-CEN u mis-CENELEC abbażi tat-talba jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza li huma għandhom l-għan li jkopru u li huma stabbiliti fid-Direttiva 2006/42/KE. Għalhekk, jixraq li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, flimkien mar-referenzi ta' kwalunkwe standard emendatorju jew ta' korrezzjoni rilevanti għalihom.

(9) Ir-referenza tal-istandard EN 474-1:2006+A4:2013 ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'restrizzjoni bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/27 ([6]) li eskludiet il-preżunzjoni tal-konformità pprovduta mill-istandard b'rabta mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza 1.2.2 u 3.2.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE.

(10) L-istandard EN 474-1:2006+A4:2013 huwa rtirat md-19 ta' Settembru 2020, kif previst fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/436. Għalhekk jixraq li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/27 tiġi mħassra.

(11) Is-CEN tejjeb l-istandard fil-verżjoni EN 474-1:2006+A5:2018. Madankollu, il-verżjoni l-ġdida naqset milli tindirizza t-tħassib dwar il-viżibbiltà kkawżat mill-interazzjoni ta' EN 474-1:2006+A5:2018 mal-parti 5 tas-serje EN 474 li tkopri rekwiżiti speċifiċi għall-gafef idrawliċi. Għalhekk, l-istandard EN 474-1:2006+A5:2018 ma ssodisfax għalkollox ir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u tas-sikurezza stabbiliti fil-punti 1.2.2 u 3.2.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE. L-istandard armonizzat ġie ppubblikat b'restrizzjoni ġdida fir-rigward tal-applikazzjoni tiegħu bir-rekwiżiti EN 474-5:2006+A3:2013 għall-gafef idrawliċi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436.

(12) Is-CEN kompla jtejjeb l-EN 474-1 u ppreżenta verżjoni emendata tal-istandard armonizzat EN 474-1:2006 +A6:2019. Il-Kummissjoni, flimkien mas-CEN u s-CENELEC, ivvalutat jekk l-istandards EN 474-1:2006+A6:2019 jissodisfawx ir-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza stabbiliti fil-punti 1.2.2 u 3.2.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE u kkonkludiet li r-restrizzjoni fir-rigward tat-tħassib dwar il-viżibbiltà tal-istandard tista' titneħħa.

([5]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/436 tat-18 ta' Marzu 2019 dwar l-istandards armonizzati għall-makkinarju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 75, 19.3.2019, p. 108).

([6]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/27 tas-7 ta' Jannar 2015 dwar il-pubblikazzjoni b'restrizzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tar-referenza tal-istandard EN 474-1:2006+A4:2013 dwar il-Gafef skont id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 4, 8.1.2015, p. 24).

(13) Madankollu, waqt li kien qed jiġi eżaminat l-istandard EN 474-1 tqajjem tħassib ġdid mir-rappreżentanti tal-kumitat stabbilit bl-Artikolu 22 tad-Direttiva 2006/42/KE rigward il-mekkaniżmu ta' akkoppjament rapidu previst fl-Anness B.2 tal-istandard li jippermetti t-twaħħil ta' għodod differenti ma' magni li jċaqilqu t-terrapien jew ħamrija. B'mod partikolari, l-Istati Membri rreġistraw għadd kbir ta' korrimenti u fatalitajiet serji kkawżati minn illokkjar mhux korrett ta' għodod u n-nuqqas ta' sistema ta' twissija attiva jew sistema ta' monitoraġġ attiva għall-operatur waqt l-użu tal-magna b'għodod, bħal bramel tal-backhoe, grabs u pjanċi vibratorji, imwaħħla b'mod mhux korrett. L-għadd ta' inċidenti huwa partikolarment evidenti għal ċerti magni bħal gafef, li jbiddlu għodod motorizzati differenti fuq bażi regolari kuljum.

(14) Wara li eżaminat EN 474-1:2006+A6:2019, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istandard jonqos milli jissodisfa r-rekwiżit essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza stabbilit fil-punti 1.2.2 u 3.2.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE, jiġifieri r-rekwiżit tal-integrazzjoni tas-sikurezza u li s-sewwieq jista' jħaddem il-makkinarju u l-għodod tiegħu fil-kundizzjonijiet tal-użu prevedibbli tagħhom, f'sikurezza sħiħa għas-sewwieq u għall-persuni esposti. Għalhekk, jenħtieġ li EN 474-1:2006+A6:2019 jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* b'restrizzjoni meta jiġi applikat flimkien mar-rekwiżiti ta' EN 474-4:2006+A2:2012 għall-backhoe loaders u r-rekwiżiti ta' EN 474-5:2006 +A3:2013 għall-gafef idrawliċi.

(15) L-istandard armonizzat EN 62841-4-1:2020 dwar rekwiżiti partikolari għal lupi li jinġarru introduċa bidliet sinifikanti fl-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fl-istandard armonizzat EN 60745-2-13:2009. Lupi li jinġarru, koperti minn EN 62841-4-1:2020 u EN 60745-2-13:2009, huma makkinarju elenkat fl-Anness IV tad-Direttiva 2006/42/KE li jeħtieġ li jsegwi proċedura ta' ċertifikazzjoni aktar stretta li tinvolvi korp notifikat fin-nuqqas ta' standard armonizzat li jkopri r-rekwiżiti essenzjali kollha tas-saħħa u s-sikurezza. Meta wieħed iqis li d-disinn tal-lupi li jinġarru koperti mill-istandard armonizzat EN 62841-4-1:2020 jeħtieġ li jiġi modifikat b'mod sinifikanti u li l-istandard armonizzat EN 60745-2-13:2009 jieqaf jipprovdi preżunzjoni ta' konformità wara t-3 ta' Settembru 2022, jista' jkun li għadd ta' manifatturi ma jkunux f'pożizzjoni li jilħqu dik l-iskadenza. Għalhekk jixraq li d-data tal-irtirar tal-istandard armonizzat EN 60745-2-13:2009 tiġi posposta b'mod eċċezzjonali għal 8 xhur oħra. Għalhekk, l-entrata dwar l-istandard armonizzat EN 60745-2-13:2019 fl-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

(16) Ir-referenza tal-istandard armonizzat EN ISO 3743-2:2019 dwar metodi għal kmamar speċjali għall-ittestjar tar-riverberazzjoni ġiet inkluża fl-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2021/377 ([7]). Madankollu, il-verżjoni preċedenti ta' dak l-istandard, EN ISO 3743-2:2009 ġiet ippubblikata mill-Komunikazzjoni 2018/C092/01, u ma ġietx irtirata. Filwaqt li jitqies li l-istandard EN ISO 3743-2:2009 ma għadux jirrappreżenta l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku, jixraq li r-referenza ta' dak l-istandard titneħħa minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex jippreparaw għall-applikazzjoni tal-istandard EN ISO 3743-2:2019, jeħtieġ li l-irtirar ta' EN ISO 3743-2:2009 jiġi pospost.

(17) L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 jipprovdi r-referenzi tal-istandards armonizzati li jikkonferixxu preżunzjoni tal-konformità mad-Direttiva 2006/42/KE u l-Anness II jipprovdi r-referenzi tal-istandards armonizzati li jikkonferixxu preżunzjoni tal-konformità b'restrizzjonijiet. Sabiex jiġi żgurat li r-referenzi tal-istandards armonizzati abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE jkunu elenkati f'att wieħed, jenħtieġ li r-referenzi tal-istandards li jiġu sostitwiti, riveduti jew emendati mis-CEN u s-CENELEC jiġu inklużi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436.

(18) L-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 jelenka r-referenzi tal-istandards armonizzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE li jitneħħew mis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mid-dati stabbiliti f'dak l-Anness.

(19) Bħala riżultat tal-ħidma tas-CEN u tas-CENELEC abbażi tat-Talba, l-istandards armonizzati li ġejjin, ippubblikati fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ġew sostitwiti, riveduti jew emendati: EN 12312-7:2005+A1:2009;

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/377 tat-2 ta' Marzu 2021 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 dwar l-istandards armonizzati għall-makkinarju abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 72, 3.3.2021, p. 12).

EN 13155:2003+A2:2009; EN 13586:2004+A1:2008; EN 15011:2011+A1:2014; EN 15571:2014; EN 15746-2:2010+A1:2011; EN 1804-1:2001+A1:2010; EN 1804-2:2001+A1:2010; EN 1804-3:2006+A1:2010; EN 1837:1999+A1:2009; EN 1974:1998+A1:2009; EN 60745-2-6:2010; EN IEC 62841-2-6:2020; EN ISO 11553-1:2008; EN ISO 11553-1:2020; EN 1175-1:1998+A1:2010; EN 1175-2:1998+A1:2010; EN 1175-3:1998 +A1:2010; EN 12312-3:2017; EN 13411-1:2002+A1:2008; EN 13411-2:2001+A1:2008; EN 13411-3:2004 +A1:2008; EN 13411-4:2011; EN 13411-5:2003+A1:2008; EN 13411-6:2004+A1:2008; EN 13411-7:2006 +A1:2008; EN 13411-8:2011; EN 16307-1:2013+A1:2015; EN 16486:2014; EN 201:2009; u EN 81-40:2008. Għalhekk jeħtieġ li r-referenzi ta' dawk l-istandards jiġu rtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* billi dawk ir-referenzi jiġu inklużi fl-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436.

(20) Jeħtieġ ukoll li tiġi rtirata r-referenza tal-istandard armonizzat EN 12999:2011+A2:2018 ippubblikat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436, minħabba li dak l-istandard ġie rivedut. Għalhekk, jixraq li r-referenza titħassar mill-Anness I ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni.

(21) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed ħin biex jippreparaw għall-applikazzjoni tal-istandards il-ġodda, riveduti jew emendati, jeħtieġ li jiġi differit l-irtirar tar-referenzi tal-istandards armonizzati EN 12999:2011+A2:2018, EN 1175-1:1998+A1:2010, EN 1175-2:1998+A1:2010, EN 1175-3:1998+A1:2010, EN 12312-3:2017, EN 12312-7:2005+A1:2009, EN 13411-1:2002+A1:2008, EN 13411-2:2001+A1:2008, EN 13411-3:2004 +A1:2008, EN 13411-4:2011, EN 13411-5:2003+A1:2008, EN 13411-6:2004+A1:2008, EN 13411-7:2006 +A1:2008, EN 13411-8:2011, EN 13586:2004+A1:2008, EN 15011:2011+A1:2014, EN 16307-1:2013 +A1:2015, EN 16486:2014, EN 16851:2017, EN 1804-1:2001+A1:2010, EN 1804-2:2001+A1:2010, EN 1804-3:2006+A1:2010, EN 1837:1999+A1:2009, EN 1974:1998+A1:2009, EN 201:2009, EN 60745-2-6:2010, EN 81-40:2008, EN ISO 11553-1:2008, u EN ISO 3743-2:2009.

(22) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 tiġi emendata skont dan.

(23) Il-konformità ma' standard armonizzat tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali korrispondenti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza ta' tali standard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/436 hija emendata kif ġej:

(1) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' din id-Deċiżjoni;

(2) l-Anness II huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni;

(3) l-Anness III huwa emendat f'konformità mal-Anness III ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/27 hija mħassra.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punt (1) tal-Anness I għandu japplika mill-15 ta' April 2023.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

L-Anness I huwa emendat kif ġej:

(1) titħassar ir-ringiela 10;

(2) tiddaħħal ir-ringiela 10a li ġejja:

"10a.	EN 12999:2020 Krejnijiet — Krejnijiet tat-tagħbija	C";

(3) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

"95.	EN 1837:2020 Sikurezza tal-makkinarju — Tidwil integrali tal-magni	B
96.	EN ISO 11553-1:2020 Sikurezza tal-makkinarju — Makkinarju li jipproċessa bil-laser — Parti 1: Rekwiżiti tas-sikurezza tal-laser (ISO 11553-1:2020) EN ISO 11553-1:2020/A11:2020	B
97.	EN 81-40:2020 Regoli tas-sikurezza għall-kostruzzjoni u l-installazzjoni ta' lifts — Lifts speċjali għat-trasport ta' persuni u oġġetti — Parti 40: Stairlifts u pjattaformi tal-irfigħ inklinati maħsuba għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa	C
98.	EN 1175:2020 Sikurezza tat-trakkijiet industrijali — Rekwiżiti elettriċi/elettroniċi	C
99.	EN 1459-5:2020 Trakkijiet li jaħdmu fuq art imħarbta — Rekwiżiti tas-sikurezza u verifika — Parti 5: Interfaċċja tat-tqabbid	C
100.	EN 1804-1:2020 Makkinarju għal minjieri taħt l-art — Rekwiżiti tas-sikurezza għal irfid tas-soqfa mħaddem b'sistema idrawlika — Parti 1: Tagħmir ta' rfid u rekwiżiti ġenerali	C
101.	EN 1804-2:2020 Makkinarju għal minjieri taħt l-art — Rekwiżiti tas-sikurezza għal irfid tas-soqfa mħaddem b'sistema idrawlika — Parti 2: Riġlejn u puntelli mekkanizzati	C
102.	EN 1804-3:2020 Makkinarju għal minjieri taħt l-art — Rekwiżiti tas-sikurezza għal irfid tas-soqfa mħaddem b'sistema idrawlika — Parti 3: Sistemi ta' kontroll idrawliċi u elettroidrawliċi	C
103.	EN 1974:2020 Magni għall-ipproċessar tal-ikel — Magni tat-tfettit — Rekwiżiti tas-sikurezza u l-iġjene	C
104.	EN 12312-3:2017+A1:2020 Tagħmir ibbażat fuq l-art li jappoġġa lill-inġenji tal-ajru — Rekwiżiti speċifiċi — Parti 3: Vetturi b'ċineg trasportaturi	C
105.	EN 12312-7:2020 Tagħmir ibbażat fuq l-art li jappoġġa lill-inġenji tal-ajru — Rekwiżiti speċifiċi — Parti 7: Tagħmir għall-moviment tal-ajruplani	C

106.	EN 13586:2020 Krejnijiet — Aċċess	C
107.	EN 15011:2020 Krejnijiet — krejnijiet pont u krejnijiet portiku	C
108.	EN 15571:2020 Magni u impjanti għall-qtugħ mill-barrieri u nġir ta' ġebel naturali — Sikurezza — Rekwiżiti għal magni tal-irfinar tas-superfiċe	C
109.	EN ISO 16092-2:2020 Sikurezza tal-makkinarji għodda — Preses — Parti 2: Rekwiżit tas-sikurezza għal preses mekkaniċi (ISO 16092-2:2019)	C
110.	EN ISO 16092-4:2020 Sikurezza tal-makkinarji għodda — Preses — Parti 4: Rekwiżiti tas-sikurezza għal preses pnewmatiċi (ISO 16092-4:2019)	C
111.	EN 16307-1:2020 Trakkijiet industrijali — Rekwiżiti tas-sikurezza u verifika — Parti 1: Rekwiżiti supplementari għal trakkijiet industrijali li joperaw awtomatikament minnhom infushom iżda mhux trakkijiet bla sewwieq, trakkijiet li għandhom meded differenti sa fejn jistgħu jilħqu u trakkijiet tat-tagħbija	C
112.	EN 16486:2014+A1:2020 Magni għall-imballaġġ ta' materjal ta' skart jew ta' frazzjonijiet riċiklabbli — Kompatturi — Rekwiżiti tas-sikurezza	C
113.	EN 16564:2020 Magni u impjanti għall-qtugħ mill-barrieri u nġir ta' ġebel naturali — Sikurezza — Rekwiżiti għall-magni tal-isserrar/tat-tħin tat-tip pont, inklużi verżjonijiet b'kontroll numeriku (NC/CNC)	C
114.	EN 16808:2020 Industriji taż-żejt mhux maħdum, tal-petrokimiċi u tal-gass naturali — Sigurtà tal-makkinarji — Liftijiet manwali	C
115.	EN 16851:2017+A1:2020 Krejnijiet — Sistemi ta' krejnijiet ħfief	C
116.	EN ISO 19085-10:2019 Magni li jaħdmu l-injam — Sikurezza — Parti 10: Lupi li jintużaw fuq il-post li qed jinbena (srieraq tal-kuntratturi) (ISO 19085-10:2018) EN ISO 19085-10:2019/A11:2020	C
117.	EN ISO 20430:2020 Magni għal-lastku u plastik — Magni tal-injezzjoni fil-forma — Rekwiżiti tas-sikurezza (ISO 20430:2020)	C
118.	EN IEC 62841-2-6:2020 Għodod miżmumin fl-idejn u mħaddmin b'mutur elettriku, għodod li jistgħu jiġu ttrasportati, u makkinarju għal lons u ġonna — Sikurezza — Parti 2-6: Rekwiżiti partikolari għall-imrietel li jinżammu fl-idejn (IEC 62841-2-6:2020, Modifikat) EN IEC 62841-2-6:2020/A11:2020	C".

ANNESS II

Fl-Anness II, ir-ringiela 1 hija sostitwita b'dan li ġej:

"1.	EN 474-1:2006+A6:2019 Magni li jċaqilqu t-terrapien jew il-ħamrija — Sikurezza — Parti 1: Rekwiżiti ġenerali **Avviż**: Fir-rigward tal-Anness B.2 – Akkoppjamenti rapidi, l-istandard armonizzat EN 474-1:2006 +A6:2019 ma jagħtix preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti essenzjali tas-saħħa u s-sikurezza 1.2.2 u 3.2.1 tal-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE meta jiġi applikat flimkien mar-rekwiżiti ta' EN 474-4:2006+A2:2012 għall-backhoe loaders u r-rekwiżiti ta' EN 474-5:2006+A3:2013 għall-gafef idrawliċi.	C".

ANNESS III

L-Anness III huwa emendat kif ġej:

(1) ir-ringiela 73 hija sostitwita b'dan li ġej:

"73.	EN 60745-2-13:2009 Għodod motorizzati tal-elettriku li jinżammu bl-idejn — Sikurezza — Parti 2-13: Rekwiżiti partikolari għal lupi (IEC 60745-2-13:2006, Modifikat) EN 60745-2-13:2009/A1:2010	it-3 ta' Mejju 2023	C";

(2) jiżdiedu r-ringieli li ġejjin:

"86.	EN 1175-1:1998+A1:2010 Sikurezza ta' trakkijiet industrijali — Rekwiżiti elettriċi — Parti 1: Rekwiżiti ġenerali għal trakkijiet li jaħdmu bil-batterija	il-15 ta' April 2023	C
87.	EN 1175-2:1998+A1:2010 Sikurezza ta' trakkijiet industrijali — Rekwiżiti elettriċi — Parti 2: Rekwiżiti ġenerali ta' trakkijiet motorizzati b'magna li taħdem b'kombustjoni interna	il-15 ta' April 2023	C
88.	EN 1175-3:1998+A1:2010 Sikurezza ta' trakkijiet industrijali — Rekwiżiti elettriċi — Parti 3: Rekwiżiti speċifiċi għas-sistemi ta' trażmissjoni ta' enerġija elettrika ta' trakkijiet motorizzati b'magna li taħdem b'kombustjoni interna	il-15 ta' April 2023	C
89.	EN 12312-3:2017 Tagħmir ibbażat fuq l-art li jappoġġa lill-inġenji tal-ajru — Rekwiżiti speċifiċi — Parti 3: Vetturi b'ċineg trasportaturi	il-15 ta' April 2023	C
90.	EN 12312-7:2005+A1:2009 Tagħmir ibbażat fuq l-art li jappoġġa lill-inġenji tal-ajru — Rekwiżiti speċifiċi — Parti 7: Tagħmir għall-moviment tal-inġenji tal-ajru	il-15 ta' April 2023	C
91.	EN 13411-1:2002+A1:2008 Truf għal ħbula tal-wajer tal-azzar — Sikurezza — Parti 1: Vajlori għal bragi ta' ħbula tal-wajer tal-azzar	il-15 ta' April 2023	C
92.	EN 13411-2:2001+A1:2008 Truf għal ħbula tal-wajer tal-azzar — Sikurezza — Parti 2: Iċċumbar ta' ħoloq għal bragi ta' ħbula tal-wajer	il-15 ta' April 2023	C
93.	EN 13411-3:2004+A1:2008 Truf għal ħbula tal-wajer tal-azzar — Sikurezza — Parti 3: Vajroli u għeluq fiż-żgur ta' vajlori	il-15 ta' April 2023	C
94.	EN 13411-4:2011 Truf għal ħbula tal-wajer tal-azzar — Sikurezza — Parti 4: Għeluq b'sokits tal-metall u reżina	il-15 ta' April 2023	C
95.	EN 13411-5:2003+A1:2008 Truf għal ħbula tal-wajer tal-azzar — Sikurezza — Parti 5: Labar tal-ħadid b'żewġ sinniet fit-truf u ganċ forma ta' U fin-nofs li jżommu wajer f'postu	il-15 ta' April 2023	C

96.	EN 13411-6:2004+A1:2008 Truf għal ħbula tal-wajer tal-azzar — Sikurezza — Parti 6: Sokit b'kunjard asimetriku	il-15 ta' April 2023	C
97.	EN 13411-7:2006+A1:2008 Truf għal ħbula tal-wajer tal-azzar — Sikurezza — Parti 7: Sokit b'kunjard simetriku	il-15 ta' April 2023	C
98.	EN 13411-8:2011 Truf għal ħbula tal-wajer tal-azzar — Sikurezza — Parti 8: Terminals għal-liwi u għoti ta' forma lil metall kiesaħ	il-15 ta' April 2023	C
99.	EN 13586:2004+A1:2008 Krejnijiet — Aċċess	il-15 ta' April 2023	C
100.	EN 15011:2011+A1:2014 Krejnijiet — krejnijiet pont u krejnijiet portiku	il-15 ta' April 2023	C
101.	EN 16307-1:2013+A1:2015 Trakkijiet industrijali — Rekwiżiti tas-sikurezza u verifika — Parti 1: Rekwiżiti supplementari għal trakkijiet industrijali li joperaw awtomatikament minnhom infushom iżda mhux trakkijiet bla sewwieq, trakkijiet li għandhom meded differenti sa fejn jistgħu jilħqu u trakkijiet tat-tagħbija	il-15 ta' April 2023	C
102.	EN 16486:2014 Magni għall-imballaġġ ta' materjal ta' skart jew ta' frazzjonijiet riċiklabbli — Kompatturi — Rekwiżiti tas-sikurezza	il-15 ta' April 2023	C
103.	EN 16851:2017 Krejnijiet — Sistemi ta' krejnijiet ħfief	il-15 ta' April 2023	C
104.	EN 1804-1:2001+A1:2010 Makkinarju għal minjieri taħt l-art — Rekwiżiti tas-sikurezza sigurtà għal irfid tas-soqfa mħaddem b'sistema idrawlika — Parti 1: Tagħmir ta' rfid u rekwiżiti ġenerali	il-15 ta' April 2023	C
105.	EN 1804-2:2001+A1:2010 Makkinarju għal minjieri taħt l-art — Rekwiżiti tas-sikurezza sigurtà għal irfid tas-soqfa mħaddem b'sistema idrawlika — Parti 2: Riġlejn u puntelli mekkanizzati	il-15 ta' April 2023	C
106.	EN 1804-3:2006+A1:2010 Makkinarju għal minjieri taħt l-art — Rekwiżiti tas-sikurezza għal irfid tas-soqfa mħaddem b'sistema idrawlika — Parti 3: Sistemi ta' kontroll idrawliċi	il-15 ta' April 2023	C
107.	EN 1837:1999+A1:2009 Sikurezza tal-makkinarju — Tidwil integrali tal-magni	il-15 ta' April 2023	B
108.	EN 1974:1998+A1:2009 Magni għall-ipproċessar tal-ikel — Magni tat-tfettit — Rekwiżiti tas-sikurezza u l-iġjene	il-15 ta' April 2023	C
109.	EN 201:2009 Magni għal-lastku u plastik — Magni tal-injezzjoni fil-forma — Rekwiżiti tas-sikurezza	il-15 ta' April 2023	C

110.	EN 60745-2-6:2010 Għodod motorizzati tal-elettriku li jinżammu bl-idejn — Sikurezza — Parti 2-6: Rekwiżiti partikolari għall-imrietel (IEC 60745-2-6:2003, Modifikat, + A1:2006)	il-15 ta' April 2023	C
111.	EN 81-40:2008 Regoli tas-sikurezza għall-kostruzzjoni u l-installazzjoni ta' lifts — Lifts speċjali għat-trasport ta' persuni u oġġetti — Parti 40: Stairlifts u pjattaformi tal-irfigħ inklinati maħsuba għal persuni b'mobbiltà mnaqqsa	il-15 ta' April 2023	C
112.	EN ISO 11553-1:2008 Sikurezza tal-makkinarju — Makkinarju li jipproċessa bil-laser — Parti 1: Rekwiżiti ġenerali tas-sikurezza (ISO 11553-1:2005)	il-15 ta' April 2023	C
113.	EN ISO 3743-2:2009 Akustika — Determinazzjoni ta' livelli ta' qawwa ta' ħsejjes ta' għejun ta' ħsejjes li jużaw pressjoni akustika — Metodu ta' inġinerija għal għejun mobbli żgħar f'kampi riverberanti — Parti 2: Metodi għal kmamar speċjali għall-ittestjar tar-riverberazzjoni (ISO 3743-2:1994)	il-15 ta' April 2023	B"